# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta tad-Distrett: Naxxar

Il-Pulizija

(Spettur Roderick Spiteri)

(Spettur Ritienne Gauci)

(Spettur Joseph Mallia)

Vs

Carmel Bonanno

Illum, 22 ta` Ottubru, 2024

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotto kontra **Carmel Bonanno**, iben John Mary u Elizabeth nee' Chetcuti mwieled Naxxar fit-03/01/1959 u residenti gewwa 9, 'Sydney', Flat 1, Triq Salvu Barbara, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' numru 68259 M akkuzat talli nhat is-7 ta' Ottubru, 2020 ghal habta ta' bejn 16:45 hrs u 17:45 hrs kif ukoll fil-jiem ta' qabel gewwa r-residenza 10, Triq l-Imdina, Naxxar u f' dawn il-Gzejjer Maltin permezz ta' network jew appartat ta' komunikazzjoni eletronika, heddidt li taghmel xi reat jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra jew biex taghmel xi gwadann, jew bil-hsieb li ggieghel lil Esther Bonanno Camilleri Brennan jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, jew

heddidt li takkuza jew li taghmel ilment kontra taghha, jew biex immalafamajt lil Esther Bonanno Camilleri Bennen, jew xi persuna ohra jew ghamilt uzu mhux xieraq bih.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Esther Bonanno Camilleri Brennan skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f' kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' WPS 158 Gillian Henwoodipprezentata mat-Tahrika tal-Kawza; l-affidavit ta' Anthony Bonnici ipprezentat fil-14 ta' Frar, 2023

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023 l-imputat iddikjara li hu qal il-kliem "lanqas il-penty li ghandek fuqek ma hu tieghek" fil-konfront ta' Esther Bonanno Camilleri Brennan go 10, Triq l-Imdina, Naxxar. L-imputat izomm ferm li dan ma jammontax ghar-reat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023 u l-Qorti differit ghas-sentenza prevja li d-difiza ghanda zmien gimgha biex taghmel nota ta' riferenzi u l-prosekuzzjoni u l-parte civile ghandhom hmistax ghar-replika.

Rat l-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokument, ix-xhieda u l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' WPC 158 Gilliam Henwood.** Fis-7 ta' Ottubru, 2020 ghal habta ta' 05:45 pm certa Esther Bonanno Camilleri Brennan (il-kwerelanta) irraportat gewwa l-ghassa ta' Birkirkara fejn sostniet li hija tirrisjedi gewwa residenza 10, Triq l-Imdina, Naxxar flimkien mar-ragel taghha, Paul u t-tlett ittfal taghhom. Ghal habta ta' 05:00 pm hija ritonat fir-residenza taghha u malli waslet rat lir-ragel taghha jgorr xi ghamara u sett tat-television meta staqsietu minn fejn gabhom wegibha li gabhom mill-garage li huma ta' hu r-ragel taghha – Carmel Bonanno – li ghandu tlett garaxxijiet gewwa n-Naxxar. Il-kwerelanta rapportat li qabel iz-zwieg taghha ma' Paul Bonanno hija kienet tirrisjedi mat-tifla taghha gewwa appartament u li Carmel Bonanno kien qalilha li setghet iz-zomm l-affarijiet taghha u tat-tifla gewwa dawn il-garaxxijiet u kien taha c-cwievet taghhom. Dak in-nhar hija staqsiet lil zewgha ghalfejn ma gabx affarijiet aktar importanti mill-garage li kienu ftehmu li kellhom igibuhom u Paul beda jhawwaad fi kliemu u jghidilha li kollox kien telaq u li huh Carmel Bonanno kien ha kollox. Paul qalilha li dawn l-oggetti kien gabhom mill-garage il-kbir u li l-affarijiet tat-tifla taghha qeghdin go rokna tal-garage il-kbir. Hi marret biex tfittex ic-cwievet taz-zewgt garagiet iz-zghar u qalet li ma kelliex ic-cavetta tal-garage il-kbir u ma sabithomx.

Il-kwerelanta ziedet tirraporta li meta marret fejn dawn iz-zewgt garaxxijiet iz-zghar hija sabithom b' katnazz maghhom. Il-kwerelanta tirrapporta li mbghad ir-ragel taghha qalilha li huh kien ser jiftah il-garxxijiet illejla fl-10:00 pm ghalkemm ma tafx jekk din kienitx vera jew kattiverja tar-ragel taghha sabiex tohrog miehd-dar f' dawk il-hinijiet.

WPS 158 G Henwood tal-ghassa tan-Naxxar kienet infurmata b' dan ir-rapport. Saru diversi tentattivi sabiex jigi ikkuntattjat Carmel Bonanno izda irrizulta fin-negattiv. Il-pulizija irraportaw fuq il-post flimkien mal-kwerelanta u bintha ghal habta ta' 22:00 hrs u ghamlu xi hin jistennew izda Carmel Bonanno ma giex.

Il-kwerelanta xtaqet li jittiehdu passi kontra Carmel Bonanno minhabba d-diskors li qalilha fuq it-telephone.

Gie mitkellem Carmel Bonanno nhar il-18/10/2020 ghal habta ta' 16:00 hrs fejn gie moghti d-drittijiet tieghu u ffirma dikjarazzjoni li ma jixtieqx jikkonsulta mal-avukat tieghu.

Hu stqarr li din ghandha affarijiet fil-garage tieghu u jixtieq li tnehhihom minn hemm peress li dawn sgombru ghalieh. Kompla li rigward dan sar ftehim ma huh Pawlu, ir-ragel tal-kwerelanta, fejn ser jiftah garage u jkunu jistghu jiehdu l-affarijiet. Kompla lil qalilha dan id-diskors "lanqas il-panty" li kellha fuqha ma kien taghha" peress li din qegheda

tirrisjedi fid-dar t' ommu u nofs ir-residenza tappartjeni lilu. Kompla ukoll li dan ma kienx insult izda biss 'modo di dire' u cioe' terminu li ghalih jintuza biex tesprimi li m' ghandha xejn taghha u qalilha ghal dik l-intenzjoni biss u ghal ebda' intenzjoni ohra.

**Affidavit ta' Anthony Bonnici**, Data Requests Administrator ghas-socjeta' GO plcipprezentat fil-14 ta' Frar, 2023 mitlub jixhed dwar sms u telephone calls rcevuti minn mobile no. 99256226 fis-7 ta' Ottubru, 2020 bejn 16:45 hrs u 17:45 hrs jikkonferma bil-gurament li mir-ricerki li ghamel fuq is-sistemi tal-GO plc ma jirrizulta ebda' informazzjoni fuq dik mitluba mill-Pulzija skont l-imsemmija riferta.

Ikkunsidrat

Illi premess illi fil-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2023 l-imputat iddikjara li hu qal il-kliem "lanqas il-penty li ghandek fuqek ma hu tieghek" fil-konfront ta' Esther Bonanno Camilleri Brennan go 10, Triq l-Imdina, Naxxar. L-imputat izomm ferm li dan ma jammontax ghar-reat.

Illi l-unika provi in atti huma l-affidavit ta' WPC 158 Gilliam Henwood li hadet ir-rapport tal-kwerelanta u l-affidavit ta' Anthony Bonnici. Il-kwerelanta ma xeheditx f' dawn il-proceduri. Jigi rilevat ukoll li mill-affidavit ta' WPC 158 Gillian Henwood il-kliem li inghadu mill-imputat lil kwerelanta skont ir-rapport li ghamlet saru verbalment wara li r-ragel taghha cempel lil imputat u l-kwerelanta kellmitu fuq it-telephone cellulari.

Dak li dina l-Qorti giet mitluba tiddeciedi fid-dawl tal-verbal tal-5 ta' Dicembru, 2023 huwa jekk l-agir jammontax ghar-reat jew le taht l-artikolu 49(a) (b) (c) tal-Kap. 399.

Illi l-artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, "Att biex Jirregola Komunikazzjonijiet Elletronci" jghid:-

49.Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta'komunikazzjoni elettronika –

(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew

(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,

ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multata' mhux iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) u, fil-każ ta'reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn ħames mitt euro(€500) għal kull jum li matulu jkompli r-reat:

Iżda, bla ħsara għall-applikazzjoni ta' kwalunkwe liġi oħra, kliem jew espressjonijiet imlissna jew pubblikati fuq network ta 'komunikazzjoni elettronika jew apparat ma għandhomx jikkostitwixxu reat kontra dan l-Att jekk jitlissnu jew jiġu pubblikati bħala parti minn espressjoni artistika, satirika, komika jew kulturali, ta' kull xorta, u ma jwasslux għal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna." [emfazi tal-Qorti]

Il-kliem ilmentati minnhom mill-kwerelanta saru fl-ambitu ta' telefonata privata u mhux fuq mezzi socjali. Dan qed jigi sottolinjat ghaliex fil-kaz "Il-Pulizija vs Marflene Cricchiola", Appell Nru. 248/2018, deciz fit-22 ta' Ottubru, 2019[1] id-dikjarazzjonijiet li instabet htija fuqhom, kienu saru fuq pjattaforma eletronika u ghalhekk accessibbli ghal pubbliku. F' dan il-kaz dak li hemm ilmentat hija konverzazzjoni privata fejn l-kwerelanta hasset li giet ingurjata. Il-Qorti tikkunsidra li anki' jekk il-kliem ma kienux felici dan oggettivament u fid-dawl tal-provi li ghandha in atti ma jammontax ghal theddid kredibbli u realistiku għal-libertà jew għas-sigurtà personali ta' xi persuna jew għall-proprjetà ta' xi persuna u ghalhekk il-proviso tal-artikolu 49 (c) ma japplikax.

[1] Sentenza ezebita permezz ta' nota mill-parte civile fil-20 ta' Frar 2024

Decide

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli rilevanti tal-ligi, u cioe' l-artikoli 49(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 383 u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat **Carmel Bonanno** mhux hati u qed tilliberah minn kull piena u htija.

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**